31998D0500

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-20 ta' Mejju 1998,
dwar l-istabbiliment ta' Kumitati ta' Djalogu Settorjali biex iġibu 'l quddiem id-djalogu bejn l-imsieħba soċjali fuq livell Ewropew

(notifikata bid-dokument numru K (1998) 2334)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(98/500/KE)

IL-KUMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Billi l-Artikolu 118b tat-Trattat jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tagħmel minn kollox biex tiżviluppa djalogu bejn il-partijiet soċjali fuq livell Ewropew, li jista' jwassal, jekk il-partijiet ikunu jixtiequ, għal relazzjonijiet imsejsa fuq ftehim;

Billi l-punt 12 tal-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema jistabbilixxi li min iħaddem jew organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, min-naħa l-waħda, u organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, min-naħa l-oħra, għandu jkollhom id-dritt li jinnegozjaw u li jikkonkludu ftehim kollettiv taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti minn liġijiet u prattika nazzjonali. U illi d-djalogu li għandu jiżviluppa bejn il-partijiet soċjali fuq livell Ewropew jista' jwassal ukoll, jekk il-partijiet ikunu jixtiequ, għal relazzjonijiet kontrattwali partikolarment fuq livell interprofessjonali u settorjali;

Billi l-Kummissjoni, bi tweġiba għall-Komunikazzjoni tat-18 ta' Settembru 1996, dwar l-iżvilupp tad-djalogu soċjali fuq livell Komunitarju [1], irċeviet appoġġ qawwi mill-partijiet kollha interessati dwar il-proposta tagħha biex jissaħħaħ id-djalogu soċjali settorjali;

Billi l-Parlament Ewropew, bir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Lulju 1997 [2], bi tweġiba għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, għamel sejħa biex tingħata importanza speċifika lid-djalogu soċjali settorjali peress li l-effetti ta' regolamentazzjoni u deregolamentazzjoni fl-impjiegi fis-setturi ekonomiċi jistgħu jkunu eżaminati aħjar fi ħdan id-djalogu settorjali;

Billi l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, fl-opinjoni tiegħu tad-29 ta' Jannar, 1997 [3], bi tweġiba għal dik il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, stqarr li d-djalogu settorjali għandu jkun effikaċi, effiċjenti u mmexxi sewwa;

Billi s-sitwazzjoni f'ħafna Stati Membri turi biċ-ċar li hemm ħtieġa li ż-żewġ naħat tal-industrija jipparteċipaw b'mod attiv f'diskussjonijiet għal titjib fil-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol fis-setturi tagħhom; billi kumitat ta' djalogu settorjali fi ħdan il-Kummissjoni ikun l-aħjar mezz li jassigura li jkun hemm din il-parteċipazzjoni, billi jinħoloq fuq livell tal-Komunità forum rappreżentattiv għall-interessi soċjo-ekonomiċi relevanti;

Billi l-Kummissjoni għandha tagħmel minn kollox biex tassigura li s-sħubija u l-ħidma tal-Kumitati ta' Djalogu Settorjali jagħtu s-sehem tagħhom biex tinġieb 'il quddiem l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

Billi l-Kumitati Konġunti li hemm bħalissa għandhom ikunu ssostitwiti minn Kumitati ta' Djalogu Settorjali; billi d-Deċiżjonijiet li jistabbilixxu dawk il-kumitati għandhom għalhekk ikunu revokati,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kumitati ta' Djalogu Settorjali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kumitati") huma b'dan stabbiliti f'dawk is-setturi fejn l-imsieħba soċjali jagħmlu talba konġunta biex jieħdu sehem fi djalogu fuq livell Ewropew, u fejn l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw iż-żewġ partijiet soċjali tas-setturi interessati josservaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikollhom x'jaqsmu ma' setturi jew kategoriji speċifiċi u jkunu organizzati fuq livell Ewropew;

(b) ikunu organizzazzjonijiet li minnhom infushom jagħmlu parti integrali u rikonoxxuta mill-istrutturi ta' l-imsieħba soċjali ta' Stati Membri u jkollhom il-ħila li jinnegozjaw ftehim, u li jkunu rappreżentanti ta' għadd ta' Stati Membri;

[1] COM (96) 448 finali.
[2] ĠU C 286, tat-22.9.1997, p. 338.
[3] ĠU C 89, tad-19.3.1997, p. 27.

(ċ) ikollhom strutturi biżżejjed biex jassiguraw parteċipazzjoni effettiva fil-ħidma tal-Kumitati.

Artikolu 2

Kull Kumitat għandu, għas-settur ta' ħidma li għalih ikun stabbilit,

(a) ikun ikkonsultat dwar żviluppi fuq livell tal-Komunità li jkollhom implikazzjonijiet soċjali, u

(b) jiżviluppa u jġib 'il quddiem id-djalogu soċjali fuq livell settorjali.

Artikolu 3

Ir-rappreżentanti taż-żewġ naħat tal-industrija li jattendu għal-laqgħat ta' kull Kumitat għandhom ikunu 40 b'kollox, maqsuma b'mod ugwali għal kull delegazzjoni.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tistieden biex jipparteċipaw għal-laqgħat tal-Kumitati lir-rappreżentanti nnominati mill-organizzazzjonijiet ta' l-imsieħba soċjali li jkunu għamlu t-talba msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Kull Kumitat għandu jagħmel, flimkien mal-Kummissjoni, ir-regoli tal-proċedura tiegħu.

2. Il-Kumitati għandhom jitmexxew minn rappreżentant ta' min iħaddem jew ta' delegazzjonijiet ta' ħaddiema jew, fuq talba konġunta tagħhom, minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

3. Il-Kumitati għandhom jiltaqgħu mill-inqas darba fis-sena. Spejjeż ta' ikel u safar għandhom jingħataw lil mhux aktar minn 30 rappreżentant magħżula mill-partijiet soċjali biex jieħdu sehem għal-laqgħat tal-Kumitat.

4. Il-Kummissjoni għandha tqis regolarment, b'konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali, il-mod kif jaħdmu l-Kumitati u kif iwettqu ħidmithom fid-diversi setturi.

Artikolu 6

Jekk il-Kummissjoni tgħarraf lill-Kumitat b'diskussjoni dwar materja kunfidenzjali, membri tal-Kumitat ikunu marbuta li, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 214 tat-Trattat, ma jikxfux it-tagħrif li jkunu saru jafu bih waqt il-laqgħat tal-Kumitat jew ta' segretarjat tiegħu.

Artikolu 7

1. Il-Kumitati ta' Djalogu Settorjali għandhom ikunu minflok il-Kumitati Konġunti li hemm bħalissa, jiġifieri:

(a) Kumitat Konġunt dwar it-Trasport Marittimu, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 87/467/KEE [1];

(b) Kumitat Konġunt dwar l-Avjazzjoni Ċivili, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/449/KEE [2];

(ċ) Kumitat Konġunt dwar Navigazzjoni Interna, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 80/991/KEE [3];

(d) Kumitat Konġunt dwar it-Trasport bl-Art, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 85/516/KEE [4];

(e) Kumitat Konġunt dwar il-Ferroviji, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 85/13/KEE [5];

(f) Kumitat Konġunt dwar Servizzi tat-Telekomunikazzjoni, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/450/KEE [6];

(g) Kumitat Konġunt dwar Problemi Soċjali tal-Ħaddiema Agrikoli, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 74/442/KEE [7];

(h) Kumitat Konġunt dwar Problemi Soċjali tas-Sajd fuq il-Baħar, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 74/441/KEE [8];

(i) Kumitat Konġunt dwar Servizzi Postali, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/595/KE [9].

Iżda l-Kumitati stabbiliti b'dawk id-deċiżjonijiet għandhom ikomplu sakemm il-Kumitati Settorjali stabbiliti b'din id-deċiżjoni jieħdu posthom, iżda f'kull każ mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru, 1998.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 1, il-Kumitat ta' Djalogu Settorjali għandu wkoll jibdel gruppi ta' ħidma oħra informali li permezz tagħhom il-Kummissjoni sa issa ġabet 'il quddiem id-djalogu soċjali f'ċerti setturi li ma kinux milquta bl-applikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabilixxi Kumitati Konġunti.

3. Id-Deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (i) tal-paragrafu 1 huma revokati b'effett mill-1 ta'Jannar 1999.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Mejju 1998.

Għall-Kummissjoni

Pádraig FLYNN

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 253, ta' l-4.9.1987, p. 20.
(2) ĠU L 230, ta' l-24.8.1990, p. 22.
(3) ĠU L 297, tas-6.11.1980, p. 28.
(4) ĠU L 317, tat-28.11.1985, p. 33.
(5) ĠU L 8, ta' l-10.1.1985, p. 26.
(6) ĠU L 230, ta' l-24.8.1990, p. 25.
(7) ĠU L 243, tal-5.9.1974, p. 22.
(8) ĠU L 243, tal-5.9.1974, p. 19.
(9) ĠU L 225, tal-31.8.1994, p. 31.